MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 383/1994/1

**Anthony Lia bhala direttur, ghan-nom u in rapprezentanza ta' Liaco Limited**
**Vs**
**Jennifer Adams u James Adams bhala diretturi, ghan-nom u in rappresentanza ta' Qualified Ups Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta u talab hekk:

Peress li l-attur nomine biegh u ittrasferixxa lis-socjeta' konvenuta, li xtrat u hadet konsenja tieghu, van Subaru E I2, li jgib ir-registrazzjoni O-3765 bil-prezz ta' Lm3040, liema prezz kellu jithallas mal-konsenja.

Peress li s-socjeta' konvenuta ikkonsenjat lill-attur cheque fuq il-Bank of Valletta, bid-data tas-26 ta' Awissu, 1992, rappresentanti l-prezz fuq indikat (Dok A).

Peress li meta l-attur mar isarraf l-imsemmi cheque il-bank infurmat li l-konvenuti kienu ibblokkaw il-pagament tieghu.

Peress li l-kreditu huwa cert, liquidu u dovut u fil-fehma tal-attur is-socjeta' konvenuta m'ghandiex ragunijiet validi fil-ligi biex topponi id-domandi attrici.

Premessi id-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti nomine ghaliex:

1. il-kawza m'ghandiex tigi trattata bid-dispensa tas-smiegh a termini tal-artikoli 167 et seguentia tal-kodici tal-Procedura Civili.

2. m'ghandhomx il-konvenuti nomine jigu kundannati jhallsu s-somma ta' Lm3040 prezz tal-bejgh tal-van fuq indikat, liema prezz u somma kienu rappresentanti mic-cheque fuq indikat, flimkien mal-interessi kummercjali mis-27 ta' Awissu 1992 u l-ispejjez tal-kawza harrek lill-konvenuti li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew illi l-van in kwistjoni kien sviluppa "back firing" mmedjatament mal-konsennja tieghu u kien ghalhekk li gie "countermanded" b'cekk rapprezentanti bilanc tal-prezz miftiehem. L-attur wieghed lill-konvenuti li jnehhi u jelimina dan id-difett izda l-vettura li ghandha apparentement "rogue engine", ghadha sallum b'dan id-difett serju.

Ghalhekk it-talba ghandha tigi rigettata bhala intempestiva.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku Joseph Zammit minnu debitament mahlufa fl-udjenza tas-16 ta' April 2004;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi l-attur nomine qed jippretendi minghand il-konvenuti nomine is-somma ta' Lm3,040 prezz tal-vettura fuq indikata li dawn tal-ahhar xtraw minghand tal-ewwel, u li giet konsenjata lilhom.

Mill-provi rrizulta li l-konvenuti nomine kienu fil-fatt diga' hargu u kkonsenjaw cheque datat 26 ta' Awissu 1992 lill-attur nomine fl-ammont fuq indikat, izda sussegwentement dan ic-cheque gie inblokkat fuq talba tal-istess konvenuti, u b' hekk il-pagament baqa' ma sarx.

Il-konvenuti nomine qed jopponu ghat-talba attrici fuq il-bazi li malli l-van gie kkonsenjat lilhom, gdid fjamant, huma skoprew li dan kien affett minn "difett serju" konsistenti fi hsejjes ta' spluzjoni fuq in naha ta' wara li l-van kien jaghmel meta jkun qed jinsaq.  Il-konvenuti lmentaw li dawn il-hsejjes kienu kbar tali li kienu jahsdu kemm lis-sewwieq kif ukoll lil min ikun ghaddej mit-triq, u kienu frekwenti; u ghalhekk huma qed jirrifjutaw li jhallsu l-prezz qabel ma l-attur jsewwi dan id-difett jew jaghmel l-aggustamenti fil-vettura biex ma tibqax taghmel dawn il-hsejjes.

Ghalkemm il-vettura kienet ttiehdet ghand l-attur li jsostni li sarulha l-aggjustamenti necessarji, l-konvenuti baqghu jsostnu li d-difett ma giex irrangat, izda l-vettura baqghet tinzamm ghandhom u mill-provi jirrizulta li dina kienet tintuza.

Illi meta l-vettura giet ezaminata mill-perit tekniku Joseph Zammit fit-22 ta' Jannar 2001 dan ikkonstata li "l-magna m' ghandha ebda difetti u ghalhekk il-vettura tinsab fi stat funzjonabbli".  Ikkonstata wkoll li l-vettura kienet licenzjata ghas-sena 2001 u rrizulta li l-van "hadem hafna."  Ukoll, f' diversi partijiet tal-body jinsab hiereg is-sadid u fuq gewwa f' dik li hija tappezzerija tinsab ghajjiena hafna." [Fol.103].  Fi kliem iehor, ma giex riskontrat id-difett sostnut mill-konvenuti,  anzi ma gie riskontrat ebda difett. Inoltre, matul dawn id-disa' snin

circa li l-vettura damet fil-pussess tal-konvenuti dina kienet insaqet hafna.

Illi din il-Qorti ma tarax raguni ghaliex ghandha tiddipartixxi mill- konkluzjoni tal-perit tekniku, u ghalhekk qed taddotta r-rapport peritali fl-intier tieghu.

Illi in vista tal-premess, il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici ghall-hlas tal-imsemmi ammont hija gustifikata u ghandha tigi milqugha, filwaqt li l-eccezzjoni tal-konvenuti nomine, li hija kontradetti mill-provi, ghandha tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett tal-eccezzjoni tal-konvenuti nomine, taddotta fl-intier tieghu r-rapport tekniku u tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur nomine s-somma ta’ tlett elef u erbghin lira maltin [Lm3,040] rapprezentanti prezz tal-van indikat fl-att tac-citazzjoni, bl-imghax legali mis-27 ta’ Awissu 1992; bl-ispejjez kollha a kariku tal-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------